MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2009

Numru 1299/2007

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

vs

Nicholas Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 39779(M) li hu akkuzat talli nhar il-11 ta’ Mejju 2007, ghall-habta ta’ l-erba’ ta’ wara nofsinhar, gewwa Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-Bahar, ghamel serq gewwa lir-residenza ‘Seabreeze’ Flt No. 5 ghad-dannu ta’ Sean Castillo, liema serq huwa kkalifikat bil-mezz, u bil-valur li jaqbez l-elf Lira Maltin (Lm1000).

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-akkuza titratta s-serq aggravat bil-mezz u l-valur taht l-artikolu 279(b) ghal liema akkuza l-akkuzat irregistra ammissjoni li hija wahda volontarja u inkondizjonata.

Ikkonsidrat l-istqarrija rilaxxata minnu u kkonsidrat il-fatt li huwa qieghed issa jsegwi programm ghar-rijabilitazzjoni tad-droga. Rat l-Artikolu 261(b)(c), 263(a), 264, 267, 269(g), 279(a) tal-Kap 9. Tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum u bl-obbligu li jhallas €1000 lid-derubat mhux aktar tard minn sena mill-lum wara li kkonsidrat li mir-rifurtiva d-derubat gie restitwit xi oggetti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------